KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.6.2007
KUMM(2007) 277 finali

2007/0100 (CNS)

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni permezz ta' rulings preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u t-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005 tal-Bulgarija u tar-Rumanija[1] introduċa sistema simplifikata għall-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-konvenzjonijiet (u l-protokolli) konklużi mill-Istati Membri abbażi ta' l-Art. 34 TUE (li qabel kien l-Art. K.3 TUE) jew l-Art. 293 TKE. Fil-verità m'għadux meħtieġ, bħal qabel, li jkunu negozjati u konklużi protokolli speċifiċi ta' adeżjoni ma' dawn il-konvenzjonijiet (ħaġa li kienet timplika ratifikazzjoni minn 27 Stat): l-Artikolu 3(3) ta' l-Att jistipula sempliċement li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jaderixxu ma' dawn il-konvenzjonijiet u l-protokolli bis-saħħa ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

L-Artikolu 3(3) u 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jistipula li, għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni biex jiddetermina d-data li fiha dawn il-konvenzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija u biex isiru l-aġġustamenti kollha meħtieġa għal dawn il-konvenzjonijiet minħabba l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri ġodda (ħaġa li tkun tinkludi, f'kull każ, l-adozzjoni tal-konvenzjonijiet bil-lingwa Bulgara u Rumena, sabiex dawn il-verżjonijiet isiru "awtentiċi b'mod indaqs"). Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

L-Anness I ma' l-Att ta' l-Adeżjoni fih lista tas-seba' konvenzjonijiet u protokolli li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Il-lista tinkludi l-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tas-26.7.1995[2], il-Protokolli tag ħha tas-27.9.1996[3], tad-29.11.1996[4] u t-tieni Protokoll tad-19.6.1997[5], kollha adottati skond it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE, imfassal biex jistabbilixxi bażi komuni għall-protezzjoni bil-liġi kriminali ta' l-interessi finanzjarji tal-KE. Il-Konvenjoni u l-Protokolli tagħha tas-27.9.1996 u tad-29.11.1996 daħlu fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2002 wara ratifika minn dawk li kienu l-15-il Stat Membru. L-Italja għad trid tirratifika t-tieni Protokoll.

M'hemmx ħtieġa li din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tagħmel l-aġġustamenti li jsiru meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni msemmija u l-Protokolli tagħha, skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-Protokolli tagħha.

---

1 ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.

2 Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 316, 27.11.1995, p.49

3 Protokoll mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 313, 23.10.1996, p.2

4 Protokoll dwar l-interpretazjoni, permezz ta' rulings preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Kovenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 151, 20.5.1997, p.2

5 It-tieni Protokoll mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 221, 19.7.1997, p.12

2007/0100 (CNS)

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni permezz ta' rulings preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u t-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,[6]

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[7],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[8] iffirmata fis-26 ta' Lulju 1995 u mfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, (minn hawn 'l quddiem imsejħa bħala "il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej"). Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komumitajiet Ewropej daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2002.

(2) Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ġiet ikkumplimentata bil-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[9] (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996") u l-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996,

---

6 ĠU C […], […], p. […].
7 ĠU C […], […], p. […].
8 ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.
9 ĠU C 313, 23.10.1996, p. 2.

imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' rulings preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[10] (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996"), li t-tnejn daħlu fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2002.

(3) Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kompliet tkun ikkumplimentata bit-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997 imfassal abba żi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[11] (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "it-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997"), u li għadu ma daħalx fis-seħħ.

(4) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jistipula li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jaderixxu mal-konvenzjonijiet u l-protokolli konklużi bejn l-Istati Membri, elenkati fl-Anness I ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jinkludu fost oħrajn il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 u t-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fejn jidħlu l-Bulgarija u r-Rumanija f'dik id-data li tkun stabbilita mill-Kunsill.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-testi tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 u t-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997, kif imfassla bil-lingwa Bulgara u dik Rumena, fl-anness ma' din id-Deċi żjoni, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 2

1. Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996 u l-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 g ħandhom jidħlu fis-seħħ fejn jidħlu l-Bulgarija u r-Rumanija fl-ewwel ġurnata ta' l-ewwel xahar wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sakemm ma jkunux laħqu daħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija qabel dik id-data.

2. It-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997 għandu jidħol fis-seħħ fejn jidħlu l-Bulgarija u r-Rumanija fl-istess data meta dak il-Protokoll jidħol fis-seħħ għar-rigward ta' l-aħħar Stat, li kien membru ta' l-Unjoni Ewropea fid-data ta' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-att li bih ikun tfassal dak il-Protokoll[12].

Artikolu 3

---

10 ĠU C 151, 20.5.1997, p. 2.

11 GU L 221, 19.7. 1997, p. 12.

12 Att tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju, li jfassal it-Tieni Protokoll mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 221, 19.7.1997, p.11

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, […]

F'isem il-Kunsill
Il-President

ANNESS 1

It-Test tal-Kovenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej bil-lingwa Bulgara u dik Rumena.

ANNESS 2

It-Test tal-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej bil-lingwa Bulgara u dik Rumena.

ANNESS 3

It-Test tal-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' rulings preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej bil-lingwa Bulgara u dik Rumena.

ANNESS 4

It-Test tat-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej bil-lingwa Bulgara u dik Rumena.